3,4

# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru 2020**

**Numru 14**

**Rikors numru 1164/13 AF**

**Joseph u Margaret konjugi Gatt u b'digriet tas-17 ta' Gunju 2020 stante l-mewt ta' Joseph Gatt l-atti gew trasfuzi f'isem martu Margaret Gatt**

**v.**

**Peter u Doris konjugi Agius**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf li ressqu l-konjugi Gatt fl-4 ta' Dicembru 2013 u li jaqra hekk:

> "Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat l-1 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia (Dok. A) l-esponenti silfu lill-intimati s-somma ta' ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) ekwivalenti llum ghal tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin Euro (€23,293).

"Illi skond l-istess ftehim l-intimati obbligaw irwiehhom li jhallsu lura l-imsemmija somma fi zmien mid-data ta' dak l-att, bl-imghax massimu li tippermetti l-ligi.

"Illi l-intimati baqghu qatt ma hallsu l-imsemmija somma, u ghalhekk dan id-debitu ghadu dovut, flimkien mal-imghaxijiet relattivi.

"Illi l-istess att pubbliku qatt ma gie esegwit mill-esponenti.

"Illi l-esponenti jixtiequ jesegwixxu dan l-att pubbliku stante li llum ghaddew hdax (11)-il sena minn mindu gie ppubblikat.

"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzahom jesegwixxu t-titolu ezekuttiv derivanti mill-att pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-1 ta' Lulju 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia, hawn anness u mmarkat bhala Dok. A".

Rat ir-risposta mahlufa li ressqu l-konvenuti konjugi Agius li in forza taghha eccepew illi:

"Fl-ewwel lok in-nullità tal-kuntratt *de quo agitur* stante li jinkompora ammont qawwi ta' uzura hekk kif sejjer jirrizulta mis-smiegh tal-kawza. Fil-fatt saru pagament ta' interessi fuq l-ammont issa reklamat.

"Fil-mertu, l-obbligazzjoni naxxenti mill-istess kuntratt gie estint permezz ta' konvenju sussegwententi mal-istess rikorrenti datat 6 ta' Lulju 2009 (Dok. PA1) fejn l-intimati kienu obbligaw ruhhom li jhallsu ammont ta' €95,505 ghal porzjoni diviza ta' art imsejha Ta' Sant'Agata fil-limiti tas-Siggiewi tal-kejl superficjali ta' circa ghaxar sieghan u cioè elf tmien mija u sebghin metri kwadri (1,870 m.k) skond l-istess konvenju. Dan il-konvenju skada u l-ebda parti ma hadet passi sabiex isir il-hlas u trasferiment finali. B'hekk giet estinta l-ewwel obbligazzjoni naxxjenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu *de quo agitur* u dan tramite novazzjoni.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju, 2016, li in forza taghha dik il-Qorti ddecidiet li:

"tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tawtorizzahom jesegwixxu kontra l-intimati t-titolu eżekuttiv li oriġina

mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Lia datat 1 ta' Lulju 2002 għall-bilanċ mill-ammont kanonizzat li għadu mhux imħallas.

"Spejjeż jitħallsu mill-intimati".

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat illi din hija azzjoni biex kuntratt pubbliku jkun dikjarat eżegwibbli. Ir-rikorrenti jridu li jerġgħu jirrendu eżekuttiv l-imsemmi kuntratt ta' self minħabba li għadda żmien previst fl-artikolu 258(c) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili minn meta dan il-kuntratt seta' jiġi eżegwit.

"L-intimati jressqu żewġ eċċezzjonijiet. Fl-ewwel lok huma jeċċepixxu li l-kuntratt li abbażi tiegħu sar ir-rikors huwa null stante li l-kuntratt huwa vizjat bl-użura kif ukoll illi l-obbligazzjoni naxxenti mill-kuntratt ġie estint permezz ta' novazzjoni.

"Skond l-artikolu 253(2) tal-Kap. 12, huma titoli eżekuttivi l-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn ufficcjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt. Skont l-artikolu 256(2) tal-istess Kap. 12, biex kuntratt jew titolu bħal dak ikollu effett eżekuttiv, il-liġi trid li jintbagħat att ġudizzjarju lid-debitur b'sejħa għall-ħlas u jkunu għaddew minn tal-inqas jumejn min-notifika lid-debitur ta' dak l-att ġudizzjarju. Minn dak inhar il-quddiem, it-titolu jkun jista' jiġi esegwit bil-ħruġ tal-atti eżekuttivi maħsuba fil-liġi bla ma jkun meħtieġ ebda proċeduri oħrajn jew sentenza tal-Qorti li tikkonferma li dak il-kuntratt sar eżegwibbli.

"L-artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu esegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258 (HSBC Bank Malta p.l.c. vs Charmaine Saliba, deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Settembru 2012).

"Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et, deċiża fit-18 ta' April 2002 ingħad:

"*Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-*

*ġurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt, xejn iżjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smiegħ.*"

"Fis-sentenza fl-ismijiet George Pace vs Charles Gauci, deċiża fl-24 ta' Novembru 2004, ingħad illi:

"*...dan ma setax jissolleva eċċezzjonijiet fil-meritu f'kawża għall-awtoriżżazzjoni ta' eżekuzzjoni ta' sentenza. Dan anke għaliex eċċezzjonijiet konsimili setgħu dejjem jiġu faċilment sollevati fil-proċeduri anteċedenti li wasslu għas-sentenza. Kif kienet irraġunat is-sentenza fl-ismijiet "Emmanuele Falzon proprio et nomine -vs- Joseph Vella et", Appell Civili, 5 ta' Ottubru 1988, kieku l-Qorti kellha taċċetta l-prinċipju li l-konvenut jitħalla jqajjem eċċezzjonijiet fil-meritu tkun qegħda tiftaħ il-bieb għall-abbużi fis-sens li konvenut jingħata l-opportunita` li jtawwal il-proċeduri kontrih;*

*"Huwa evidenti minn din l-osservazzjoni illi f'kawża ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni biex jesegwixxi titolu eżekuttiv ġja kanonizzat bis-sentenza preċedenti. F'dan is-sens hi d-deċiżjoni fl-ismijiet "John Portelli nomine -vs- Henry Azzopardi proprio et nomine", Appell, 29 ta' Mejju 1997.*"

"Rilevanti wkoll hija s-sentenza fl-ismijiet Carmelo Borg vs Rosaria Vella, deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti qalet:

"*illi dwar it-tieni kawża ċitata, fejn allegatament qed tiġi attakkata l-validità tal-ewwel kuntratt ċitat, din ukoll ma hijiex ostakolu għal din il-proċedura, limitata fl-iskop tagħha għal dak indikat fl-Artikolu 258 tal-Kap 12 u xejn iżjed, ħlief l-aċċertament li l-att partikolari li qed tintalab l-esekuzzjoni tiegħu wara ħames (5) snin ikun wieħed mit-titoli eżekuttivi indikati fl-artikolu 253 tal-Kap 12.*"

"Kif ritenut ukoll fil-każ Bank of Valletta p.l.c. vs Multi Investments Limited et, deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2012:

*"Dak li jrid jiġi mistħarreġ u deċiż hu biss jekk jeżistix titolu eżekuttiv a bażi tal-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 u jekk in-natura ta' dan it-titolu għadux viġenti u li d-debitu jew parti minnu għadu dovut. Jekk ir-risposta għal dawn il-kweżiti hu fl-affermattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerġa jiġi reż eżekuttiv. Billi jkun skada t-terminu li fih dan it-titolu skont il-liġi seta' jiġi eżegwit kontra d-debitur, il-liġi terġa ġġedded a bażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 l-eżegwibilita tat-titolu eżekuttiv."*

"Finalment kif ġie spjegat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Refco Co Ltd et:

*"Irrispettivament x'inhu l-ammont li għadu dovut mill-intimati, f'dan it-tip ta' proċediment mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li toqgħod tagħmel konteġġi u tikkundanna lill-intimati jħallsu xi ammont. L-eżerċizzju li jrid isiru hu pjuttost wieħed ta' verifika li għad hemm ħlas dovut, ċjoè li l-obligazzjoni tal-ħlas għadha teżisti u li għalhekk ikun għadu jeżisti t-titolu*

> *eżekuttiv favur il-kreditur. Ovjament, l-eżekuzzjoni għandha ssir biss fuq il-bilanċ li għadu dovut mill-intimati."*

"Ma jirriżultax illi huwa kontestat bejn il-partijiet illi l-kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Joseph Lia datat 1 ta' Lulju 2002 huwa titolu eżekuttiv skont l-artikolu 253(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Lanqas ma huwa kkontestat bejn il-partijiet illi l-ammont ta' Lm10,000 llum €23,293 għadu ma tħallasx kollu. Ir-rikorrenti Margaret Gatt tikkonferma bil-ġurament a fol. 27 tal-proċess illi tħallas biss l-ammont ta' €7476.18. L-intimat Peter Agius stess fix-xhieda tiegħu a fol. 29 jikkonferma li ħallas biss €4500 minn din is-somma dovuta.

"Il-konvenuti qiegħdin jibbażaw parti mid-difiża tagħhom fuq alegazzjonijiet ta' użura. Fil-fehma tal-Qorti, mhuwiex minnu li l-kuntratt de quo huwa milqut bl-użura. Jibda biex jingħad illi l-kuntratt huwa ċar in kwantu li jipprovdi li l-imgħax għandu jkun '*il-massimu li tippermetti l-liġi*.'[1]

"Dwar dan issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet Grech vs Zammit Tabona, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Diċembru 1998 fejn ingħad illi:

> "*fejn il-konvenzjoni tirriżulta ċara u mill-volontà tal-kontraenti liberament espressa, tirriżulta inekwivoka, mhux leċitu għall-Qorti illi tinterpreta tali konvenzjoni jew tattribwilha motivazzjoni ulterjuri li la tirriżulta mid-dicitura tal-ftehim u lanqas minn ċirkostanzi oħra. Jiġifieri fejn is-sinifikat tal-konvenzjoni ikun ċar u fejn fatti li jkunu jwaslu għal dak il-ftehim kif ukoll fatti sussegwenti ma jpoġġux fid-dubju l-volontà tal-kontraenti ma kienx leċitu għall-ġudikant illi jagħti lil dik l-iskrittura sinifikat divers minn dak liberament espress mill-kontraenti*."

"Huwa minnu li r-rikorrenti kkonfermaw illi l-ammont illi tħallas huwa imgħax, biss jirriżulta wkoll illi minkejja li l-ammont dovut kellu jitħallas fi żmien sena mid-data ta' meta sar il-kuntratt, u ċioè sal-1 ta' Lulju 2003, l-ewwel pagament illi għamlu l-intimati kien biss f'Lulju tas-sena 2006 u dan fl-ammont ta' Lm1000, llum €2329.20. Sa meta ġie ppreżentat ir-rikors, l-intimati kienu ħallsu biss l-ammont ta' €7476.18 mill-ammont ta' €23,293 dovut flimkien mal-imgħax skont il-liġi. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li l-kuntratt huwa afflitt mill-użura.

"Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tagħhom, l-intimati ma ressqu ebda prova ħlief konvenju datat 6 ta' Lulju 2009. Ma jirriżultax fl-atti ta' liema Nutar sar dan il-konvenju. L-intimati ma tawx spjega dwar kif seħħet din in-novazzjoni ħlief illi jgħidu illi l-ammont misluf ta' Lm10,000 kienu inklużi fit-tieni negozju li għamlu mar-rikorrent.[2] L-attur Joseph Gatt jgħid illi dan il-konvenju m'għandu xejn x'jaqsam mas-somma li hija dovuta mill-intimati.[3]

[1] Kuntratt a fol. 2 tal-proċess
[2] Xhieda a fol. 21 u 22 tal-proċess
[3] Xhieda a fol. 30 tal-proċess

"Novazzjoni hi mod kif tispiċċa obbligazzjoni. Skont l-artikolu 1179 tal-Kodiċi Ċivili, meta debitur jikkuntratta dejn ġdid mal-kreditur li jitqieghed flok il-qadim, id-dejn l-antik jispiċċa. L-artikolu 1181(1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li '*ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tiġix maqtula, għalkemm tiġi mibdula*.' Hekk ukoll, in-novazzjoni ma tistax tkun preżunta. L-intenzjoni li ssir għandha tidher biċ-ċar u dan skont l-artikolu 1180(2).

"Fis-sentenza fl-ismijiet Mary Borg et vs Joseph Micallef deċiża fit-22 ta' Ottubru 1998, il-Qorti tal-Appell Inferjuri osservat illi:

> *"Kif ġa ġie deċiż mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju, 1956, in re Paul Koludrovich vs Carmelo Muscat, ikun hemm novazzjoni oġġettiva meta ssir obbligazzjoni ġdida li tiġi sostitwita għal oħra pre-eżistenti li b'hekk tiġi estinta. Iżda b'liġi espressa, in-novazzjoni ma tistax tiġi preżunta u l-animus novandi għandu jirriżulta b'mod ċar u univoku. Inoltre, 'in-novazzjoni oġġettiva taċita għandha tirriżulta minn inkompatibilita bejn l'id quod actum est u l-eskluzjoni tal-volonta' li ssir novazzjoni' (Vol. XXIX.iii.80). Inoltre ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-antika ma tiġix maqtula, imma sempliċiment modifikata (Vol. XXXI.i.753), għaliex billi ssir modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruħha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni ġdida in sostituzzjoni għall-antika, li tiġi mill-partijiet imħassra (Vol. XXXV.ii.607).".*

"Il-Qorti tal-Appell kompliet biex tikkonferma li f'każ ta' dubju, n-novazzjoni għandha tiġi eskluża.

"Fil-każ illi għandha quddiemha llum, il-Qorti hija tal-fehma li ma tressqet ebda prova sodisfaċjenti li seħħet novazzjoni bejn il-partijiet".

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

> "thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Anna Felice fil-31 ta' Mejju 2016, u konsegwentement tichad it-talbiet tar-rikorrenti appellati bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom".

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, jissottometti li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u skont il-ligi u timmerita konferma;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza ghall-ezekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku ppubblikat min-Nutar Dr Joseph Lia fl-1 ta' Lulju, 2002, li fih il-konvenuti ddikjaraw ruhhom debituri tal-atturi fis-somma ta' Lm10,000 illum €23,293. Is-somma kellha tithallas fi zmien sena izda baqghet ma thallsitx. L-atturi, f'dawn il-proceduri qed jitolbu l-ezekuzzjoni tal-kuntratt peress li ghadda z-zmien kontemplat fl-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) ghall-ezekuzzjoni tieghu.

L-ewwel Qorti laqghet it-talba wara li qieset li l-indagini li trid issir f'dawn il-proceduri hija wahda limitata fuq jekk in-natura tat-titolu ghadux vigenti u li d-debitu jew parti minnu ghadu dovut. Hija kkonstatat li dawn l-elementi jissussistu.

Il-konvenuti appellaw u ressqu aggravji marbuta mal-intempestivita` tal-azzjoni u mal-fatt, li skont huma, is-somma dikjarata fil-kuntratt tikkomprendi l-uzura.

Fir-rigward tal-ewwel aggravju, din il-Qorti tinnota li dan hu bazat fuq il-fatt li l-atturi, skont il-konvenuti, ma setghux jipprocedu b'din l-azzjoni qabel ma jsejhu ghall-hlas lid-debituri b'att gudizzjarju kif irid l-Artikolu 256(2) tal-imsemmi Kap. 12.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. L-Artikolu 253(b) tal-Kap. 12 iqies bhala "**titoli ezekuttivi**", kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq. Ghall-kaz in ezami, dan ifisser li hekk kif ghaddiet sena fuq il-kuntratt ta' Lulju, 2002 u d-debitu ma giex imhallas, l-atturi bdew igawdu minn titolu ezekuttiv. Dan it-titolu seta' jigi ezekwit wara jumejn min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju (Artikolu 256(2) ibid).

Skont l-Artikolu 258 tal-istess Kap. 12, wara hames snin minn dakinhar li fih il-kuntratt seta' jigi esegwit, l-ezekuzzjoni tista' ssir biex wara talba maghmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Dan ifisser li gheluq il-perjodu ta' hames snin, kif inhu l-kaz f'din il-kawza, l-ezekuzzjoni ma tistax issir aktar b'semplici sejha b'att gudizzjarju, izda b'kawza *ad hoc* fil-qorti. L-att gudizzjarju mhux mehtieg ghall-akkwist tat-titolu ezekuttiv, izda ghall-ezekuzzjoni tieghu biss. Il-kuntratti ta' holqien ta' debiti huma fihom infushom titolu ezekuttivi, u l-ezekuzzjoni taghhom tista' ssir, fi zmien hames snin, bis-sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju, jew,

wara hames snin, permess ta' kawza. Iz-zewg metodi jitkomplew bl-**ezekuzzjoni** tat-titolu ezekuttiv, li jsir hekk malli z-zmien moghti ghall-hlas ikun ghalaq. L-att gudizzjarju mhux mehtieg biex irendi l-att bhala wiehed ezekuttiv, ghax dan tirrendih hekk il-ligi stess. Hija l-ezekwibbilita` tieghu li tista' ssir b'zewg metodi skont iz-zmien li jkun ghadda minn fuq it-titolu.

Kwindi, il-procedura uzata f'dan il-kaz hija wahda korretta.

Dwar l-aggravju marbut mal-uzura, din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, issib li ma jirrizultawx provi dwar dan. Hemm biss allegazzjoni li ma gietx sostnuta bl-ebda mod. Skont il-kuntratt l-imghax jithallas sal-massimu li tippermetti l-ligi, u ma hemmx provi li l-kapital jinkludi fih xi imghax ulterjuri. Il-hlasijiet li setghu saru akkont, jidher li saru bhala hlas ta' xi imghaxijiet skaduti u ma hemmx prova ta' xi haga ohra.

Ghall-bqija, din il-Qorti rat li t-titolu ezekuttiv ghadu jezisti, u l-atturi kkonfermaw bil-gurament li d-debitu jew parti minnu ghadu dovut. Ladarba hu hekk, jiskatta d-dritt tal-atturi ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt inkwistjoni – ara **Bank of Valletta plc v. Multi Investments Limited** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2012.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuti konjugi Agius billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuti appellanti *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb